# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Kumpilazzjoni Nru. 986/2010**

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Matthew Bajada**

Illum, 18 ta`Gunju, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Matthew Bajada ta' 27 sena, bin Carmel u Rose Marie nee' Agius, imwieled Pieta' nhar is-16 ta' Lulju, 1983 u li joqghod 5, 'Rose', Triq Regjonali, Santa Venera, detentur tal-karta tal-identita' numru 365683 M akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer, nhar it-12 ta' Ottubru, 2005, hlift il-falz quddiem Imhallef, Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b' ligi li jaghti il-gurament, liema gurament kien mehtieg fil-ligi, jew ordnat b' sentenza jew b' digriet ta' wahda mill-Qrati ta' Malta u dan bi ksur ta' l-artikoli 108(1)(a) u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-4 ta' April, 2011 l-Qorti ordnat li jigi ezebit fil-process l-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tlieta u ghoxrin ta' Jannar tas-sena elfejn u sebgha (23.01.2007) fil-proceduri kriminali "Il-Pulzija vs Matthew Bajjada", l-imputat odjern.

Rat li l-Avukat Generali taha l-kunsens tieghu bil-miktub skont l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja[1]. L-imputat wieqeb li mhux hati tal-akkuzi imressqa kontrih u taha l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja fis-seduta tal-4 ta' April, 2011.[2]

Rat li fis-seduta tal-13 ta' Gunju, 2012 Supt Carmelo Bartolo ezebixxa Dok CB 3 u CB 4 u cioe' vera kopja tas-sentenza tal-appell fl-ismijiet Il-Pulizija vs Matthew Bajada (Appell Nru 113/2006) deciz fil-23 ta' Jannar, 2007 (Dok CB 3) u fedina penali tal-imputat (Dok CB 4)

Rat li fis-seduta tal-13 ta' Gunju, 2012 id-difiza ezentat lil prosekuzzjoni li jixhdu x-xhieda tal-isqarrija u taccetta bhala dik awtentika u moghtija volontarjament.

Rat li fis-seduta tal-27 ta' Marzu, 2018 din il-Qorti kif preseduta issollecitat lil partijet sabiex jezaminaw il-process sabiex jekk hemm xi dikrepanzi jingiebu minn issa quddiem din il-Qorti kif illum preseduta. Il-partijiet qablu li l-Qorti tigi ezentata milli terga' tisma' x-xhieda li diga instemghet u tigi ezentata milli jerghu jigu prezentati atti u dokumentazzjoni ohra diga pprezentati quddiem il-Qorti diversament preseduta.

Il-Qorti diversament preseduta semghet ix-xhieda ta' Supt. Carmelo Bartolo fis-seduta tal-29 ta' Frar, 2012. Din il-Qorti kif preseduta semghet ix-xhieda ta' Josephine Agius li ezebiet Dok JA 1, ezebit animo ritirandi fis-seduta tal-19 ta' Gunju, 2018; ta' AC Silvio Valletta fis-seduta tal-19 ta' Gunju, 2018; ta' Agent Kummissarju Carmelo Magri fis-seduta tal-19 ta' Gunju, 2016 prodotti mill-prosekuzzjoni. Semghet ix-xhieda tal-imputat fis-seduta tal-8 ta' Novembru, 2022.

Rat li fis-seduta tal-20 ta' Novembru, 2018 il-prosekuzzjoni iddikjarat l-provi maghluqa.

Rat li fis-seduta tal-12 ta' Ottubru, 2021 il-Qorti, infurmata li s-Supretendent Carmelo Bartolo irrizenja mill-Korp tal-Pulizija u ma hemmx ufficjal Prosekutur ghal dan il-kaz. Kopja tal-verbal gie komunikat lill-Kummissarju tal-Pulzija.

---

[1] Fol. 10
[2] Fol. 9

Rat li fis-seduta tal-8 ta' Novembru, 2022 l-Qorti tara li ghal darb ohra ma hemmx ufficjal prosekutur u jekk fis-seduta li jmiss ma jingubux provi, taghlaq il-provi tal-prosekuzzjoni. Fis-seduta tal-8 ta' Novembru, 2022 il-Qorti ghalqet il-provi tal-Prosekuzzjoni.

Rat li fis-seduta tal-8 ta' Novembru, 2022 id-difiza ghalqet il-provi taghha.

Rat li fis-seduta tal-10 ta' Ottubru, 2023 il-Qorti rat li kien hemm diversi seduti fejn ma kienx hemm ufficjal Prosekutur, semghet it-trattazzjoni tad-difiza u differiet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-artikoli 108(1)(a) u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat x-xhieda, d-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunisrdat

Provi tal-Prosekuzzjoni

**Supt. Carmelo Bartolo** xehed fis-seduta tal-29 ta' Frar, 2012. Jixhed li fl-1 ta' Novembru, 2005 kien gie moghti struzzjonijiet sabiex jinvestiga komunika li kienet ghamlet il-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera fil-kaz 'Pulizija vs Mathhew Bajjada' fejn il-Magistrat kienet ordnat sabiex Matthew Bajada li huwa l-akkuzat odjern kien xehed falz meta hu kien ha l-pedana tax-xhieda fil-proceduri li hemm fil-konfront tieghu.
Mill-investigazzjonijiet li kont ghamel kien irrizultali l-kaz fl-ismijiet 'Pulizija vs Matthew Bajjada' quddiem il-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera kien gie deciz fis-27 ta' Marzu, 2006. Kien irrizultalu ukoll li l-kaz kien gie appellat mill-prosekuzzjoni u l-appell kien inqata mill-Imhallef Caruana Demajo fit-23 ta' Jannar, 2007 fejn kienet saret modifika tal-piena. Kien irrizultalu ukoll li Matthew Bajjda kien ha l-pedana tax-xhieda fil-kaz quddiem il-Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera propju nhar it-12 ta' Ottubru, 2005. Kien ghalhekk li stennejna l-ezitu tal-Appell.
Kien irrizulta li fl-Appell Matthew Bajada fl-ebda' hin am ha l-pedana tax-xhieda u ghaldaqstant dak innhar li nghatat is-sentenza ix-xhieda tieghu kienet iffinalizzata hemmhekk.
Ix-xhud xehed li li kien kelle, lil ufficjali Prosekuturi tal-kaz u cioe Supt Carmelo Magri u Supt Silvio Valletta u spjegawlu li dak innhar partikolari fit-12 ta' ottubru, 2005 l-akkuzat

Matthew Bajjada kien ha l-pedana tax-xhieda u xehed xi fatti fosthom li fl-ebda' hin ma kien sarlu konfront waqt l-investigazzjoni tieghu u ha nghid hekk beda qisu jgiddeb mill-prosekuturi kienet saret talba mill-Prosekuzzjoni stess sabiex il-qorti tordna li ssir investigazzjoni fil-konfront ta' Mathhew Bajjada fuq gurament falz. Is-Supt Valletta ikkolaboralu dak li kien qalli is-Supt Magri u allura fid-dawl ta' dan kollu bghatt ghall Matthew Bajada li qed jaghraf hawn fl-awla sabiex jinvestigah. Lil imputat kien avvzah bid-drittijiet legali tieghu.
Ittiehdet stqarrija u hu cahad l-allegazzjonijiet li bdew isiru fil-konfront tieghu.

L-istqarrija tikkonsisti f' erba' faccati u jaghraf il-firma tieghu, dik tal-ispettur Fabian Fleri u ta' Matthew Bajada li qed naghraf hawn fl-awla. Jezebixxi l-istqarrija, ukoll rinunzja ghad-dritt ta' l-avukat fuq liema dokument qed jaghraf il-firma tieghi u ta' ufficjali ohra li kienu prezenti. Matthew Bajada kien ukoll ghazel li jiffirma d-dikjarazzjoni..

**Josephine sive Joyce Agius,** deputat Registratur fil-Qorti tal-Appell Kriminali xehedet fis-seduta tal-19 ta' Gunju, 2018. Tipprezenta l-process originali ta' l-Appell Nru 113/2006 li kien deciz mill-Imhallef Giannino Caruana Demajo fil-konfront tal-ismijiet Il-Pulizija v Mathhew Bajjada (Dok JA 1).

**Assistent Kummissarju Silvio Valletta** xehed fis-seduta tal-19 ta' Gunju, 2018. Jixhed li kienu investigaw il-kaz fil-konfront tal-akkuzat li kien jitratta dwar incident fejn twaddab flixkun waqt incident politiku u ntlaqtet tfajla. Kien tressaq il-Qorti Matthew Bajjada u "kien hemm iehor mieghu jekk mhux sejjer zball."
Jaghraf lil imputat fl-awla.
L-ordni tal-magistrata sabiex jigi investigat fuq gurament falz kien 'minhabba li kien hemm xi kwistjoni ta' konfront. Kien sar konfront waqt l-interogazzjoni u Matthew Bajjada kien cahad li sar dan il-konfront."
Ix-xhud ma jiftakarx ma min kien sar dan il-konfront.
Mistoqsi mill-prosekutur jekk fl-investigazzjoni kienx ikkonfigura Jeffrey Farrugia jirrispondi li l-akkuzat mieghu kien Jeffrey Farrugia.
Jinvestiga l-kaz mieghu kien hemm d-Deputat Kummissarju Magri li dak iz-zmien kien spettur bhalu.

Jikkonferma li s-sentenza tal-appell ezebita a fol. 21 et seq tirriferi ghal istess kaz li huma investigaw.

**Deputat Kummissarju Carmelo Magri** xehed fis-seduta tal-19 ta' Gunju, 2018. Lil akkuzat Matthew Bajjada fis-sena 2003 kienu resquh hu u s-Sur Valletta talli kien tefa' flixkun tal-hgieg u laqghat tfajla u ikkagunala griehi ta' natura gravi.

Mistoqsi kif ikkonfigura Jeffrey Farrugia fl-investigazzjoni jirrispondi li din il-persuna kienet wiehed mill-persuni li kien ma l-imputat fuq it-trakk li kienu qed jinvestigaw fuqu.
Mistoqsi dwar jekk sarux konfronti waqt l-investigazzjoni jirrispondi

> "Supretendent Carmelo Bartolo: jekk forsi tiftakar inti, waqt l-investigazzjonijiet kienu saru xi konfronti?
> Deputat Kummissarju Carmelo Magri: saru diversi konfronti jihdrili ma' l-istess Sinjur li semmejt Jeffrey Farrugia, jihdirli anka ma hu l-imputat stess."[3]
>
> "Supretendent Carmelo Bartolo: issa fil-kors ta' l-kumpilazzjoni l-akkuzat kien ghazel li jixhed u mbghad kien sussegwentement sar xi verbal mill-Magistrat biex isiru xi investigazzjonijiet?
> Deputat Kummissarju Carmelo Magri: mela kien xehed diversi inkonsistenzi fosthom lli ahna konna hafna waqt li konna qed ninterrogawh, li ahna ktibna dak li ridna ahna fuq l-istatement u mhux dak li qal hu."

Ix-xhud ma jiftakarx jekk l-imputat semmiex xi haga dwar xi konfront. Jixhed li l-Qorti kienet issottolinjat li mhux qed temmen lil imputat u talbet li jigi investigat fuq xhieda falza.

<u>Provi prodotti mid-difiza</u>
**Matthew Bajjada,** l-imputat xehed fis-seduta tal-8 ta' Novembru 2022.
Ix-xhud jixhed li huwa qatt ma kellu konfront.
Fil-kaz li kellu kienu twaddbu xi fliexken u weggaw xi nies. Il-pulzija li kienu kellmuh kienu Carmel Magri u Silvio Valletta.

Mistoqsi jekk jafx x' inhu konfront jirrispondi

[3] Fol. 54

"Xhud: Meta illaqghu zewg minn nies flimkien."

L-imputat jixhed li fuq il-kaz li kellu fis-sena 2005 ma kienu laqqaqh ma hadd.

Fuq dan il-kaz kien hemm nies ohra li kienu gew investigati. Kien hemm hafna nies fosthom huh u Jeffrey Farrugia. It-tlieta li huma kienu tressqu l-Qorti. Mistoqsi

"Avu: Inti semmejt ili kien hemm dan Jeffrey imma dan Jeffrey ghamlulek konfront?

Xhud: Le."

Mistoqsi jekk huh jixhbux fizikament jirrispondi li in-nies jghidu li jixxiebhu.

"Avu: Eventwalment inti eventwalment il-pulizija kienet hadet proceduri fil-konfront tieghek u inti bqajt tghid kif qal is-sur Bartolo illi konfont qatt ma sar, kien hemm xi zmien wara issa li sar konfront ma xi hadd minn naha tieghek?

Xhud: Jien lili qatt sarli konfront.

Avu: Fl-ebda stadju?

Xhud: Fl-ebda hin."

Ikkunsidrat

Illi l-proceduri odjerni emanaw wara li waqt it-trattazzjoni tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Guridikatura Kriminali fl fl-atti tal-proceduri ***Spettur Carmelo Magri v Matthew Bajada*** kawza li hija llum res judicata permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) datata 23 ta' Jannar 2007.

Fil-kors tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali Magistrat Dr Consuelo Scerri Herrera permezz ta' verbal datat 12 ta' Ottubru, 2005 kienet ordnat lil tordna lill-Kummissarju tal-Pulziija jinvestiga il-verbal maghmul mill-Ufficjal Prosekutur fid-dawl ta' l-invesitgazzjoni mizmuma minnu. F' dan il-verbal (li jinstab fl-atti tal-process Appell Nru. 113/06 ezebit fil-19 ta' Gunju, 2018)

> "wara li l-Proseskuzzjoni tirrileva li l-imputat qed jixhed il-falz meta qed jghid li waqt l-investigazzjoni hu ma giex ikkonfrontat max-xhud Jeffrey Farrugia u ghalhekk jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti tiehu provvedimenti xierqa u opportuni. Id-difiza tirrileva li dak alleggat mill-ufficjal Prosekutur ma jirrizultax mill-atti ta' din il-kawza u tirrileva inoltre illi jekk hemm xi hadd li xehed falz f' dawn il-proceduri huwa Jeffrey Farrugia illi fis-seduta tat-3 ta' Novembru, 2003 sahansitra kellu jigi imwissi mill-Qorti bil-kosegewnzi ta' gurament falz. Ix-xhieda ta' l-imputat illum im kontro-ezami hija konsistenti kemm ma' l-istqarrija kif ukoll max-xhieda illi hu ta fl-ahhar seduta. Il-Qorti tipprovdi billi tordna lill-Kummissarju tal-Pulziija jinvestiga il-verbal maghmul mill-Ufficjal Prosekutur fid-dawl ta' l-invesitgazzjoni mizmuma minnu."

Fl-24 ta' Settembru, 2010 kienu inhargu l-akkuzi kontra l-imputat taht l-artikoli 108 (1) u 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdu.

> 108.(1) Kull min, f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-artikolita' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jaħlef il-falz quddiem imħallef,maġistrat jew quddiem uffiċjal ieħor li jkollu s-setgħa b'liġi lijagħti l-ġurament, jeħel, meta jinsab ħati -(a) il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa sena, jekkil-ġurament ikun meħtieġ mil-liġi, jew ordnatb'sentenza jew b'digriet ta' waħda mill-qrati ta' Malta.
>
> 109.(1) Il-Qorti għandha, meta tikkundanna lill-ħati għad-delitti msemmija f'dan is-Sub-titolu, tapplika espressament il-pienatal-interdizzjoni ġenerali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-ħati jservibħala xhud, ħlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bħala perit, f'kullkaż li jkun.
> (2) Din l-interdizzjoni tkun għaż-żmien minn ħames snin sagħaxar snin fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, ugħaż-żmien minn għaxar snin sa għoxrin sena f'kull każ ieħorimsemmi fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu."

Il-pern tal-kwisjoni tal-proceduri odjerni hija jekk giex ipprovat li l-imputat kienx xehed il-falz meta insista li qatt ma sar konfront ma' Jeffrey Farrugia.

Ikkunsidrat

Issir referenza ghas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Peter Ebejer[4] , fejn ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis ic-ċirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikażżjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni[5].

Illi kif ingħad ukoll f' diversi sentenzi fosthom Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq[6], il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) riteniet

> "20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil ħinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."

Ikkunsidrat

---

[4] Deciza 5 ta' Dicembru 1997

[5] Lord Denning fil-każ Miller vs Minister of Pension (1974 - 2 ALL ER 372), fir-rigward tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt' qal awtorevolment:- "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong aġainst a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but notħing shall of that will suffice.

[6] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Appell Nru. 17/2021, decizia 24.06.2021

Illi x-xhieda prodotta mill-prosekuzzjoni, ghajr ghal ezebizzjoni tal-process kienu essenzjalment l-ufficjal prosekutur Supt. Carmel Bartolo, Assitent Kummissarju Silvio Valletta, u Deputat Kummissarju Carmel Magri.

IlFix-xhieda tieghu tal-19 ta' Gunju 2018 Assistent Kummissarju Silvio Valletta jixhed li ma jiftakarx ma min sar il-konfront. Id- Deputat Kummissarju Carmelo Magri li xehed fis-seduta tal-19 ta' Gunju, 2018 jixhed

> "Supretendent Carmelo Bartolo: jekk forsi tiftakar inti, waqt l-investigazzjonijiet kienu saru xi konfronti?
> Deputat Kummissarju Carmelo Magri: saru diversi konfronti jihdrili ma' l-istess Sinjur li semmejt Jeffrey Farrugia, jihdirli anka ma hu l-imputat stess."[7]

L-imputat Matthew Bajada kien konsistenti kemm fil-proceduri li ghaddew in gudikat kif ukoll fix-xhieda tieghu f' dawn il-proceduri li qatt ma kien sar konfront tul l-investigazzjonijiet mal-akkuzat l-iehor. Minn naha l-ohra z-zewgt xhieda tal-prosekuzzjoni, ma kienux kategorici fir-risposti taghhom u fl-ebda hin mal-gbir tal-provi qatt ma gie identifikat il-persuna ta`Matthew Bajada b' mod kategoriku bhala l-persuna li maghha saret il-konfront.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti tqis li l-kaz ma giex ipprovat lil ħinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat huwa hati tal-akkuzi migjuba kontrih.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 108 (1)(a) u 109 Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat **Matthew Bajada** mhux ħati tal-imputazzjonijiet kollha stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk qegħdha tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

---

[7] Fol. 54

Il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**